EUROPEAN PARLIAMENT

## DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

## DIPARTIMENT TEMATIKU B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

## IT-TRASPORT U T-TURIŻMU

# IS-SEHEM MODALI TAT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA LEJN U MINN PORTIJIET TAL-UE

## SOMMARJU EŻEKUTTIV


**Astratt**

Dan l-istudju jitfa' dawl fuq is-sehem modali tat-traffiku portwarju fl-UE. L-istudju jiġbor flimkien data dwar it-traffiku portwarju u l-karatteristiċi tiegħu, u janalizza d-diversi metodi użati biex il-portijiet jiġu kkollegati mad-destinazzjonijiet finali tal-merkanzija, inklużi t-trasbord, l-operazzjonijiet marittimi fuq distanzi qosra u l-portijiet interni.

Huwa jappoġġa l-valutazzjoni tal-progress li sar lejn l-ilħuq tal-objettivi ta' politika dwar il-bidla modali mit-trasport bit-triq għal mezzi alternattivi.



IP/B/TRAN/IC/2014-065 2015

PE 540.350 MT

Dan id-dokument intalab mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew.


**AWTURI**

Enrico Pastori, l-Italja

**AMMINISTRATUR RESPONSABBLI**

Piero Soave
Dipartiment Tematiku għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
E-mail: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

**ASSISTENZA EDITORJALI**

Adrienn Borka



**VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI**

Oriġinali: EN.

**DWAR IL-PUBBLIKATUR**

Biex tikkuntattja lid-Dipartiment Tematiku B jew biex tabbona għall-bullettin li joħroġ ta' kull xahar jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Marzu 2015.


© Unjoni Ewropea, 2015.



Dan id-dokument huwa disponibbli fuq l-internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/studies



**DISCLAIMER**

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità tal-awtur biss u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u mibgħut kopja.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Din il-ħarsa ġenerali tindirizza b'mod speċifiku l-kwistjonijiet speċifiċi tal-mezz użat: bil-ferrovija, bit-triq, fuq l-ilmijiet navigabbli interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra (SSS) lejn u minn portijiet tal-UE. L-istudju jinkludi analiżi tat-traffiku f'portijiet marittimi, portijiet interni u terminals stradali-ferrovjarji u jiddeskrivi xi differenzi li jeżistu minn Stat Membru/reġjun għal ieħor. Fl-aħħar nett, jipprovdi informazzjoni utli dwar l-isfidi li l-portijiet tal-UE attwalment qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom fejn jidħol it-tkabbir tat-traffiku, il-konġestjoni u l-aċċessibbiltà.

Il-karatteristiċi tal-portijiet u tal-infrastrutturi li jgħaqqdu l-portijiet maż-żoni interni, it-tip ta' merkanzija ttrattata u d-dimensjoni taż-żoni ta' influwenza tal-portijiet huma kollha fatturi li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-għażla tal-mezz ta' trasport u l-potenzjal għal bidla modali.

L-UE tiddependi ħafna mill-portijiet marittimi għall-kummerċ mal-bqija tad-dinja u għall-kummerċ fi ħdan is-Suq Intern tagħha: 74 % tal-prodotti li jiġu skambjati (importati u esportati) mal-bqija tad-dinja u madwar 37 % tal-iskambji li jsiru bejn l-Istati Membri tal-UE jgħaddu minn portijiet marittimi. Il-portijiet jiggarantixxu l-kontinwità territorjali tal-UE permezz tal-għoti ta' servizzi lit-traffiku marittimu reġjonali u lokali biex jgħaqqdu ż-żoni periferali u l-gżejjer. Dawn huma n-nodi minn fejn il-flussi loġistiċi multimodali tan-netwerk trans-Ewropew jistgħu jiġu organizzati, permezz ta' konnessjonijiet bit-trasport marittimu fuq distanzi qosra, il-ferroviji u l-ilmijiet navigabbli interni biex jitnaqqsu l-konġestjoni fit-toroq u l-konsum tal-enerġija.

It-traffiku marittimu tal-portijiet tal-UE jammonta għal aktar minn 3 biljun tunnellata fis-sena.

Il-White Paper tal-2011 dwar it-trasport tgħid li teżisti ħtieġa ta' aktar punti ta' dħul effiċjenti għas-swieq Ewropej, bil-għan li jiġi evitat it-traffiku bla bżonn li jaqsam l-Ewropa. Il-portijiet marittimi għandhom rwol ewlieni bħala ċentri loġistiċi u jeħtieġu konnessjonijiet effiċjenti maż-żoni interni. L-iżvilupp tagħhom huwa vitali għat-trattament ta' volumi dejjem akbar ta' merkanzija ttrasportata permezz tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra fl-UE kif ukoll mal-bqija tad-dinja. L-ilmijiet navigabbli interni, meta jkun hemm potenzjal mhux użat, għandu jkollhom rwol dejjem akbar, b'mod partikolari fit-trasport tal-merkanzija lejn iż-żoni interni u fil-konessjoni tal-ibħra Ewropej. F'dak li għandu x'jaqsam mal-flussi tal-merkanzija fis-sistema Ewropea tal-portijiet marittimi, jispikkaw ħames swieq ewlenin: is-suq tal-kontejners, is-suq tar-ro-ro, is-suq għall-merkanzija ġenerali konvenzjonali, is-suq ta' prodotti likwidi bil-kwantità u s-suq ta' prodotti xotti bil-kwantità. Kull suq għandu d-dinamika tiegħu: ir-rotot magħżula għal tipi differenti ta' merkanzija ttrasportata bil-baħar li jgħaddu minn portijiet Ewropej lejn żoni interni huma ggwidati minn interazzjonijiet kumplessi bejn sett kbir ta' fatturi u atturi. Madankollu, il-portijiet kollha u t-tipi kollha ta' kummerċ għandhom żewġ fatturi sottostanti komuni li jinfluwenzaw ir-rotot magħżula li jwasslu għaż-żoni interni: il-konnettività bejn il-port u ż-żona interna u l-livell ta' prestazzjoni tal-port innifsu.

Il-leġġibbiltà tad-data dwar it-traffiku portwarju hija kkumplikata minn żewġ aspetti marbuta flimkien b'mod intrinsiku: it-trasbord u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra (SSS).

*"trasport marittimu fuq distanzi qosra" tfisser iċ-ċaqliq ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar bejn portijiet li jinsabu fl-Ewropa ġeografika jew bejn dawk il-portijiet u l-portijiet li jinsabu f'pajjiżi mhux Ewropej bi xtut fuq l-ibħra magħluqa li jinsabu fil-fruntiera tal-Ewropa. Il-kunċett tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra jestendi wkoll għat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u n-Norveġja u l-Islanda u Stati oħra fil-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed u l-Mediterran.* (KE, 1999)

Fil-każ tal-kontejners, is-sehem tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra huwa importanti għaliex:

- it-tbaħħir fuq distanzi qosra (li jirrappreżenta madwar 60 % tat-traffiku tal-portijiet tal-UE) huwa ddestinat għal (jew iġġenerat minn) żona interna diretta ta' port; għalhekk il-portijiet għandhom jiġu mgħammra biex jiġġestixxu l-ammont korrispondenti ta' materjal ipproċessat u jgħaddi l-kontenituri lejn id-destinazzjonijiet finali tagħhom. Din il-kwota tinkludi l-flussi skambjati ma' destinazzjonijiet fil-qrib skont id-definizzjoni min-naħa tal-UE tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-flussi li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' trasbord;
- il-kwota tal-baħar fond għandha tiġi analizzata aktar peress li tista' tinqasam bejn (i) traffiku li jidħol fil-port sabiex jiġi trasbordat u (ii) traffiku li jidħol fil-port biex jingħata rotta interna li twasslu għad-destinazzjoni finali tiegħu. Għal din ir-raġuni huwa essenzjali li jitqies is-sehem tat-trasbord.

Min-naħa l-oħra, it-trasport ro-ro huwa essenzjalment trasport komodali li jinvolvi medda interna fejn jintuża t-trasport bit-triq u t-trasport bil-baħar li, b'xi eċċezzjonijiet, jiġi operat fuq distanzi qosra (u għalhekk huwa attribwit għat-trasport marittimu fuq distanzi qosra).

Pajjiżi differenti fl-UE jużaw il-ferrovija u l-baħar għat-trasport tal-merkanzija, u dan bi frekwenza ferm eteroġenja. Ir-raġunijiet għal dan huma, fost affarijiet oħra:

(i) (i) ġeografiċi (il-pajjiżi gżejjer ġeneralment jużaw il-ferroviji b'mod aktar limitat; ir-reġjuni maqtugħa mill-baħar li jinsabu fiċ-ċentru tal-Ewropa, u li jintużaw bħala pajjiżi ta' tranżitu għall-portijiet ewlenin, jagħmlu ferm aktar użu mill-ferroviji);

(ii) (ii) ekonomiċi/politiċi (ġeneralment, il-pajjiżi bi żvilupp ikkaratterizzat mill-industriji peżanti jagħmlu ferm aktar użu mill-ferroviji; il-pajjiżi Baltiċi u Skandinavi għandhom sehem ta' trasport ferrovjarju ogħla);

(iii) (iii) ambjentali (ġeneralment, il-pajjiżi b'politika ambjentali li tkopri perjodu ta' żmien twil jagħmlu ferm aktar użu mill-ferroviji). Filwaqt li, għal raġunijiet ta' sostenibbiltà, bidla modali favur it-trasport ferrovjarju titqies bħala waħda ta' benefiċċju, huwa possibbilment għal raġunijiet ekonomiċi u politiċi (punt (ii) aktar 'il fuq) li xi pajjiżi jkunu fil-fatt raw bidliet konsiderevoli mit-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija għat-trasport tal-merkanzija bit-triq. B'hekk, tul il-perjodu 2000-2010, fi tmien Stati Membri tal-UE it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija żied is-sehem modali tiegħu. Madankollu, f'ħafna Stati Membri oħra seħħet bidla modali konsiderevoli għat-trasport bit-triq.

Il-prestazzjonijiet tal-portijiet uniċi jenfasizzaw il-fatt li:

- it-triq hija l-aktar mezz ta' trasport użat biex il-portijiet tal-UE jiġu konnessi ma' destinazzjonijiet interni. Is-sehem għoli ta' traffiku marittimu fuq distanzi qosra, li ġeneralment ikollu żoni interni iżgħar, minn naħa jista' jipprovdi spjegazzjoni għal dan, iżda t-trasport bit-triq jintgħażel prinċipalment minħabba flessibbiltà u affidabbiltà aħjar, flimkien ma' aċċess aktar faċli għad-destinazzjonijiet interni kollha;
- L-ilmijiet navigabbli interni (IWW) jintużaw b'mod estensiv mill-portijiet kulfejn id-disponibbiltà u l-istandard tal-infrastruttura huma adattati għall-ġarr ta' volumi kbar ta' oġġetti. Dan huwa l-każ f'dak li jikkonċerna l-portijiet li jinsabu fid-delta Rhine-Scheldt (Antwerp, Rotterdam u Amsterdam) li għalihom is-sehem modali tal-ilmijiet navigabbli interni jikkostitwixxi b'mod stabbli 'l fuq minn 30 %. Eżempji oħra jinkludu l-port Rumen ta' Constanta, il-portijiet Franċiżi ta' Le Havre u Marsilja, u sa ċertu punt il-portijiet Ġermaniżi ta' Bremen u Hamburg;

- Ħafna portijiet diġà juru ishma għolja ta' trasport ferrovjarju. Ishma modali partikolarment għolja jinsabu fil-portijiet Baltiċi ta' Tallin u Riga (għalkemm b'livell baxx ta' materjal ipproċessat assolut), ikkaratterizzati minn maġġoranza ta' flussi ta' tranżitu ta' oġġetti bil-kwantità. Meta wieħed iħares lejn portijiet li jiġġestixxu flussi assoluti akbar, l-aħjar każijiet jinsabu fil-Ġermanja (Bremen u Hamburg li jakkomodaw sa 250 tren kuljum), fid-delta Rhine-Scheldt (Rotterdam, Antwerp u Zeebrugge), u f’portijiet oħra li b'mod ġenerali jimmaniġġjaw numru konsiderevolment iżgħar ta' ferroviji (Koper fis-Slovenja, Gdansk u Gdynia fil-Polonja, Trieste u La Spezia fl-Italja, Felixstowe u Southampton fir-Renju Unit).

B'kollox, il-portijiet meqjusa f'dan l-istudju f'ħafna każijiet juru livelli sodisfaċenti ta' sehem modali għall-ferroviji u l-ilmijiet navigabbli interni.